MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Numru. 279/2009

Il-Pulizija
(Sp Alexander Miruzzi)
vs
Jesmond Bezzina, iben Joseph, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Frar, 1989, Karta ta’ l-Identita numru 83389(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta’ Frar, 2009 f’dawn il-Gżejjer, b’xi mezzi kontra l-liġi li ma kienx jikkostitwixxi delitt imsemmi fl-artikolu 56 tal-Kodiċi Kriminali, ittanta li ġiegħel lill-President ta’ Malta jew lill-Gvern ta’ Malta biex ibiddel il-liġijiet jew id-deċiżjonijiet tiegħu;
2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi pubblikament xewwex persuna/I sabiex tikser il-liġi;
3. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi pubblikament xewwex persuna/I oħra;

4. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi wża kliem, egħmil, jew ġesti li nġurjaw, insultaw jew maqdar lill-persuna tal-President ta' Malta, inkella iċċensura, jew b'nuqqas ta' qima semma jew irraprezenta lill-imsemmi President, bi kliem, sinjali, jew rapprezentazzjonijiet vizibbli, jew b'xi mod ieħor mhux kontemplat fil-liġi ta' l-istampa;
5. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b'diskors magħmul f'lok pubbliku jew f'laqgħat fil-pubbliku, akkuża falsament persuna mpjegata jew imdaħħla fl-amministrazzjoni tal-Gvern ta' Malta b'xi egħmil ħażin fl-amministrazzjoni ta' dak il-Gvern;
6. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi dolozament xerred aħbarijiet foloz illi x'aktarx jallarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon ordni pubbliku jew il-paċi pubblika nkella li jġibu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet tal-pubbliku;
7. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli ta' qabel l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, inġurja wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
8. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta attribwixxa motive ulterjuri għall-egħmil tal-President ta' Malta, jew insulta jew inġurja jew ikkaġuna mibeda jew disprezz jew qanqal disaffezzjoni kontra l-persuna tal-President ta' Malta;
9. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b'xi mezz permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu joriġina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir xerred aħbarijiet foloz li jistgħu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-paċi pubblika, jew jistgħu joħolqu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost ċerti klassijiet tal-pubbliku;
10. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta'-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, b'nuqqas ta' diligenza ordinarja, xerred aħbarijiet foloz li jistgħu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

11. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b'xi mezz imsemmi fl-artikolu tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, ta malafama lil xi persuna;
12. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b'xi mezz permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu joriġina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir instiga direttament l-egħmil ta' xi reat;
13. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi permezz ta' xi 'network' jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel reat jew għamel użu ieħor mhux xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru, 2010 fejn il-prosekuzzjoni rtirat l-akkużi min-numru 1 sa n-numru 6 u min-numru 8 san-numru 12.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi 7 u 13.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, in vista tad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni tiddikjara l-akkużi numru 1 sa numru 6 u numru 8 sa numru 12 bħala proċediment ezawrit. Issibu ħati tal-akkuża numru 7 u tal-akkuża numru 13. Rat l-artikoli 95 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 35A tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------